**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1021/97

Charles Cassar
vs
Korporazzjoni TeleMalta u b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2000 giet korretta ghall-Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 18 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1985, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1990 u sussegwentament, huwa sofra ingustizzja meta saret jew inghatat, bi pregudizzju ghall-istess rikorrent, distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita u dan billi ir-rikorrent gie mcahhad milli jinghata promozzjoni ghall-grad ta'

Technician III u sussegwentament Technical Officer I, meta kellu l-esperjenza, il-kwalifiki u l-kwalitajiet kollha necessarji sabiex jinghata din il-promozzjoni;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej: Ir-rikorrent gie impjegat mal-Korporazzjoni intimata fis-sena 1983 bhala apprentist. Fis-sena 1986 huwa inghata l-grad ta' Technician I, filwaqt li fis-sena 1987 huwa inghata l-grad ta' Technician II. Fis-sena 1988 huwa gie moghti il-Full Technological Certificate li huwa l-oghla certifikat fil-qasam tat-Telekomunikazzjoni u li hija l-kwalifika normalment assocjata mal-grad ta' Technical Officer I. Fis-sena 1989 huwa attenda ghall-diversi korsijiet fosthom wiehed gewwa Ruma. F'Lulju tas-sena 1989 huwa kien applika ghall-promozzjoni ghall-grad ta' Technician III u Technical Officer I rispettivament, pero` huwa ma inghata ebda wiehed minn dawn il-gradi. Fl-istess zmien illi huwa applika ghal dawn il-gradi rispettivi huwa kien diga beda jahdem fl-A.X.E. Exchange Digitali liema xoghol kellu l-istess responsabilitajiet ta' Technical Officer I. Huwa baqa' jaghmel l-istess xoghol ta' Technical Officer I ghal diversi snin minghajr ma inghata l-grad rispettiv u dan nonostante illi huwa kien sahansitra talab formalment partikolarment f' April tas-sena 1991 sabiex dan il-grad jinghatalu. Dan ix-xoghol huwa baqa' jaghmlu fil-grad ta' Technician II meta l-istess kollegi tieghu kellhom minn grad sa tnejn fuqu. Dan il-grad fil-fatt hadu biss f'Ottubru tas-sena 1996 bil-konsegwenza illi huwa tilef diversi beneficcji u possibilitajiet ta' avvanz fix-xoghol tieghu;

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda taghhom;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat:

1. Illi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ta' Technical Officer I u s-seniority rispettiva tal-grad fih promoss b' sehh mid-data li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuna u konsegwentament jigi aggustat l-grad u/jew l-iskala prezenti tieghu;

2. Illi jigi mhallas lir-rikorrent dik is-somma li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida, liema somma tirrapprezenta d-differenza fl-ammont ta' dhul bhala income u beneficcji ohra li huwa ma hax u danni ohra minnu sofferti minhabba tali ingustizzja;

3. Jew inkella jekk dawn it-talbiet ma jistghux jintlaqghu, li jigi ordnat li jithallas lir-rikorrent kumpens f'ammont ta' hamest elef lira (LM5000) jew somma ohra li dan it-Tribunal joghgbu jiffissa.

Ra l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:-

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telecom Technician III u ghall-grad ta' Technical Officer I kienu hargu fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghall-grad ta' Technical Officer I.

3. Illi r-rikorrent ma kienx eligibbli ghall-grad ta' Technical Officer I minhabba li ma ssodisfax ir-rekwiziti mitluba fis-sejha ghall-applikazzjonijiet.

4. Illi fil-kaz ta' l-applikazzjoni ghall-grad ta' Technical Technician III, minn massimu ta' 100 marka ir-rikorrent gab biss 42 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 3 marki minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 5 marki minn 20 marki ta' l-esperjenza; 15-il marka minn 15-il marka tal-kwalifiki; 8 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 7 marki minn 10 marki ghal Taghrif Generali u 4 minn 5 marki ghal personalita`.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li hu ma jaqbilx ma l-allokazzjoni tal-marki ghad-diversi kriterji kif ukoll mal-marki li nghata hu. Hu kien gie maghzul biex jattendi kors lokali kif ukoll kors barra minn Malta. Dwar il-mistoqsija teknika hu qal li staqsewh biss domanda wahda u rrisponda tajjeb u fid-dettal.

Ir-rikorrent in kontro-ezami qal li l-Inginier Balzan ma kienx updated sufficjentement fuq is-sistema digitali. Hu kien gie maghzul biex jahdem mal-Germanizi u mal-British Telecom fuq xoghol tat-Telemalta.

Xehed David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom li pprezenta r-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-gradi ta' TTIII u TOI.

Xehed l-Inginier Balzan li semma li kien Chairman tal-bord ghall-promozzjonijiet ta' l-1989 u 1990. Il-membri l-ohra kienu Charles Zammit u Godwin Ellul. Hu biss kien il-persuna teknika fil-bordijiet in kwistjoni u l-mistoqsijiet teknici kien jaghmilhom hu biss u kien hu li jaghti l-marki fuqhom. Semma wkoll l-kriterji li kienu juzaw biex jallokaw il-marki. Kompla jghid li ma kienx ikollhom il-personal file ta' l-individwu pero kien jaf in-nies

kollha sewwa. Kompla jghid "Mistoqsi jekk fil-fatt kienux saru xi rakkomandazzjonijiet qabel l-interviews jew le nghid li iva kien hemm diversi nies bhall-General Workers' Union u bhall-Ministri li kienu ppruvaw ikellmuna. Kienu kellmuna u anke ghamlulna rakkomandazzjonijiet. Mistoqsi dwar is-Segretarju Parlamentari Muscat kienx kellimna nghid li mhux hu biss, kullhadd kien ikellmek."

Xehed Edmond Micallef li qal li kien gie appuntat Chairman tal-bord tal-appelli rigward il-promotions li saru fil-Maltacom bejn l-1988 u 1989 u kkonferma r-rapport li kienu waslu ghalih u gharaf il-firma tieghu u tal-membri l-ohra tal-bord.

Xehed Saviour Gatt inginier mal-Maltacom li qal li fl-1986 kien responsabbli mill-exchange tal-E10 li huwa l-exchange digitali li kien gie installat fl-1975. Din is-sistema kienet tirrikjedi ghazla ta' nies biex jittrenjaw ruhhom fuq is-sistemi digitali. Kienu jsiru courses lokalment u kull min kien interessat kien japplika. Wara t-trainning sar ezami u l-ahjar tmienja, ghaxra li gew fil-lista ntaghzlu biex imorru jitrenjaw barra minn Malta. Zied jghid li Oliver Farrugia jafu jahdem fuq is-sistema digitali u ma kienx jaf jekk marx ghall-kors barra minn Malta ma l-ewwel grupp jew mat-tieni grupp. Raymond Gauci kien mar ghall-kors fl-1989, u ghax-xhud dan kien wiehed mill-ahjar technicians ukoll. Charles Cassar ukoll kien mar ghall-kors fl-1989, u kien jaghmel xoghol tajjeb hafna. Stanley Aquilina kien mar ghall-kors mat-tieni grupp. Charles Tonna mar ghall-kors mat-tieni grupp u x-xhud qal li dan

dejjem ghamel xoghlu. Albert Attard tela' mat-tieni kors u kien jaghmel xoghlu tajjeb hafna.

Illi saret referenza ghas-sentenza moghtija fis-6 ta' Novembru 2001 fir-rikors numru 1108/97 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. fejn it-Tribunal qal:

**Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |

| | |
|---|---|
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita’ | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista’ jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f’minuta, tnejn f’interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f’idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe’ il-kriterju ta’ kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta’ liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta’ 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita’. Ma hemmx ghalfejn ta’ hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b’hekk fil-verita’ gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta’ TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta’ Servizz | 30% |

| | |
|---|---|
| Esperjenza | 15% |
| Kwalifiki | 25% |
| Mistoqsija Teknika | 15% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

Analizi tar-Rizultati:

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog

minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Irrizulta li r-rikorrent kien applika ghal TT III u TO I u ghalkemm strettament it-talba tieghu fir-rikors hija dwar ta' TO I it-Tribunal ihoss li ghandu jaghti l-fakulta` lir-rikorrent li l-marki tieghu jigu ezaminati fuq iz-zewg aspetti specjalment meta wiehed iqis li t-talba ghal promozzjoni aktar gholja tikkomprendi wkoll lil dik ta' grad anqas. Dwar il-kaz ta' TO I instab li r-rikrorent ma kienx eligibbli u dan hareg car anke fin-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata. Ir-rikorrent ma gabx provi sufficjenti biex jirribatti dan. Izda issa t-Tribunal sejjer jghaddi biex jezamina l-

allokazzjoni tal-marki moghtija lir-rikorrent dwar l-applikazzjoni tieghu ghal TT III.

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30% u ghalhekk il-marka tibqa' 3;
Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 4;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 15; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 25;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 8; it-Tribunal ihoss li meta wiehed iqis il-kwalifiki li kellu r-rikorrent hu kien haqqu ghall-inqas 9; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 7;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marka ta' 7;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 4.

Dan igib it-Total ghal TTT III ghal 50. Dwar il-cut-off mark kif issemma aktar 'il fuq fil-kaz ta' TO III u TO II din giet stabbilita mit-Tribunal bhala 50% ghar-ragunijiet fuq indikati. Bl-istess mod ghal TT III it-Tribunal qieghed japplika l-istess kriterju ta' 50%.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' TTT III b' effett mill-istess data li inghatat lit-TT III l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez bla taxxa.